A.L. 67 ta' l-1990

ATT TA' L-1975 DWAR IL-KORPORAZZJONI TELEMALTA

(ATT NRU. XVI TA' L-1975)

Regolamenti ta' l-1990 li jemendaw ir-Regolamenti dwar is-Servizz tat-Telefon (Emenda Nru. 2)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 37 ta' l-Att ta' l-1975 dwar il-Korporazzjoni Telemalta, il-Bord, bl-approvazzjoni tal-Ministru għall-Iżvilupp ta' l-Infrastruttura u bi ftehim mal-Ministru tal-Finanzi, għamel ir-regolamenti li ġejjin:—

Titolu.

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1990 li jemendaw ir-Regolamenti dwar is-Servizz tat-Telefon (Emenda Nru. 2) u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1972 dwar is-Servizz tat-Telefon, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

A.L. 47 ta' l-1972.

Jemenda r-Raba' Skeda tar-regolamenti prinċipali.

2. Minflok il-paragrafi 1 u 2 tar-Raba' Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

L-ewwel Kolonna Telefonati	It-Tieni Kolonna Drittijiet
"1. Minn *call office* jew telefon pubbliku li jkollu kaxxa tal-flus, għal kull telefonata	5c
2. Minn telefon ta' abbonat li jkollu kaxxa tal-flus (bl-għoti lura lill-abbonat ta' tnaqqis ta' 5m kull telefonata), għal kull telefonata	5c".